# *Il-Bejjiegħ tar-Rizzi*

**Kitba ta' Lino Psaila**



Sa ftit aktar minn 40 sena ilu fir -raħal tagħna u f'irħula oħrajn kont tisma' dik l-għajta ta' "Rizzi Mimli". Kienet għajta li bosta nies kienu jistennewha speċjalment dawk ta' barra r-raħal, għaliex għalihom kienet tkun ikla li ma tantx kienet komuni u fl-istess ħin irħisa wkoll. Dan kien jgħodd ukoll għan-nies tar-raħal tagħna, imma mhux daqshekk għaliex billi r-Ramla ta' San Tumas mhix 'il bogħod wisq mir-raħal, kien ikun hemm min imur huwa stess.

Fost il-bejjiegħa tar-rizzi Żwieten kien hemm dawn: Franġisku Cutajar in-Naġġa, Pawlu Lauron il-Paj, Ġammari Bonnici it-Tluppi, Ġanni Spiteri l-Pizu, Toni Spagnol Maltempu u ħuh Ċensu. U propju fuq dan ta` l-aħħar sejjer insejjes il-kitba kollha, għar-raġuni li l-familja Spagnol għandha konnessjoni twila mal-baħar u propju Ċensu ġie msemmi hekk għal wieħed mill-pijunieri tas-sajd Malti li kien ħalla ħajtu f`waħda mill-akbar traġedji li kienu ġraw lil sajjieda Maltin u minbarra hekk għar-raġuni wkoll tal-ġibda li dejjem kelli għal uliedu. Qabel ma nidħol għas-suġġett, ta` min ifakkar ftit li fit-23 t`April 1885, fuq dgħajsa tas-sajd kien hemm 13-il bniedem fosthom ċertu Ċensu Spagnol li kellu biss 21 sena, meta din iltaqgħet ma' għelt ftit 'il bogħod mix-xtajta Maltija. Mit-13 ma kien salva ħadd, imma Ċensu ma kienx miet mgħarraq għaliex għalkemm kien ferut serjament kien laħaq għam lejn ir-Ramla ta` San Tumas fejn kien ġie mgħejun jitla' l-art. Iżda sfortunatament kien miet ftit wara li kien laħaq irrakkonta kull ma kien għadda minn għalihom. Dan Ċensu kien is-sitt u l-iżgħar wild ta` Leli Spagnol, (li propjament kien mill-Birgu u għal xi żmien għex f`Wied il-Għajn) u martu Marianna. Huwa baqa' mfakkar minn ħuh il-kbir Wenzu, li kien semma' lil wieħed minn uliedu għalih, li hu preċiżament il-protagonista li se ngħid xi ħaġa dwaru u nibqa' sejjer għall-mestier li kien iħaddan, dak li kien jiġbor u jbiegħ ir-rizzi.

Ir-Rizza hija ekinoderma tal-klassi Echinoidea li għal eluf ta' snin ilha magħrufa ma' bosta ġnus bħala frotta tal-baħar tajba għall-ikel. Kienet ukoll, u forsi għadha sservi ta' ikel għal ċerti speċi ta` ħut u annimali marittimi. Din il-ħlejqa tinsab fl-ibħra kollha tad-dinja minbarra f'dawk Nordiċi, għalkemm hemm tinsab speċi li x-xewk tagħha kważi jlaħħaq sitt pulzieri tul u tinsab f`fondijiet kbar. Meta l-bniedem għaraf l-importanza tar-rizza, din l-ispeċi kważi kienet waslet biex tispiċċa bħal ma spiċċaw eluf ta` ħlejjaq marittimi oħra. Iżda bil-għaqal ta` ċerti studjużi u l-intervent ta` bosta gvernijiet din ġiet salvata u reġgħet iffjorixxiet, tant li f`ċertu restoranti madwar id-dinja kollha jqisuha bħala delikatezza.

Mela wara dik il-ħarsa ħafifa, nidħlu għas-suġġett u nsibu l-bejjiegħ tar-rizzi Ċensu, li kien twieled f`Wied il-Għajn, dan ix-xogħol kien ilu jagħmlu snin. Minn qabel ma kien iżżewweġ lil Karmena, mara Żejtunija, bieżla qatigħ, li bi bżulitha kompliet għenet lil żewgha biex irabbu l-familja tagħhom, ħames subien u tifla unika.

Imma hawn tajjeb li wieħed ifakkar li Ċensu ma kellu ebda aċċessorji jew għodod biex jagħmel dan ix-xogħol, bħal ma kellhom l-individwi l-oħra. Uħud minn dawn kellhom frejgatina jew ġigg u bil-gaffa u l-ħġieġa kien ikun ferm faċli għalihom biex jiġbru r-rizzi. Ċensu minn dawn ma kellu xejn, imma kien jgħum u jogħdos u b`hekk kien iwettaq ħidmietu. Din ma kinitx xi ħaġa ħafifa sa barra, għaliex billi r-ramla ta` San Tumas u l-plajja ta` Żonqor kien jafhom b`għajnejh magħluqa u kienu mizgħuda bir-rizzi f`dawk iż-żmenijiet, xorta waħda ried jistinka, għar-raġuni li ma kienx waħdu f`dak il-mestier. Allura huwa l-ewwel li kien jaħdem fl-aktar postijiet baxxi, iħoss b`saqajh u jogħdos, u f`medda ta` sagħtejn tiela' u nieżel kien jimla l-qartalla li kienet tesa' madwar 1,500 rizza. Dan in-numru kien ivarja skond il-kobor tar-rizza, għalkemm Ċensu waqt ħidmietu kien jagħżlu fl-istess ħin. Meta dawn il-postijiet baxxi, imsejħa trixxijiet, kienu jiġu maħduma, Ċensu kien ikollu jdur għal postijiet aktar fondi. Hawn issa b`aktar diffikulta, għaliex la kien iħoss u lanqas jara imma jogħdos u jfittex. Iżda l-kariżma u n-



nifs li kellu kienu biżżejjed biex kważi fl-istess ħinijiet kien jagħmel l-istess xogħol li kien jagħmel f`baħar aktar baxx Dan ix-xogħol kien isir jum wara l-ieħor sakemm il-baħar u l-elementi kienu jippermettu.

S'hawn kien għadu l-ewwel pass tax-xogħol, għaliex wara li kien jitla' mill- baħar, kien jorbot il-qartalla bi speċi ta` ċinga u kien jibda t-tieni pass, il-mixja għaż-Żejtun, fejn wara li jiekol xi ħaġa u jneħħi x-xewk minn idejh u saqajh jibda t-tielet pass ta` ħidmietu, dak li jmur ibiegħ. Anke hawn Ċensu kien fi żvantaġġ għaliex għall-bidu ma kellu xejn għajr karettun żgħir li bih u dejjem bil-mixi kien jitlaq għal Ħal Għaxaq, jibqa' sejjer lejn il-Gudja u minn hemm għal Ħal Luqa u minn xi drabi lejn Ħal Kirkop ukoll. U dan għal jum wara l-ieħor, ibiegħ erba' rizziet sold (5 mils tal-lum) u l-ġurnata tax-xogħol tiegħu b`dik it-tbatija kollha ma kinitx tlaħħaqlu lira u nofs. Imma kien ikun ferħan u kuntent bħal kull ħaddiem ieħor li kien kuntent u kburi b`ħidmietu.

Aktar ma għadda żmien, Ċensu baqa' jagħmel l-istess xogħol, imma issa xi ftit aktar komdu għaliex kien laħaqlu ibnu l-kbir Leli u x-xoghol beda jħeff xi ftit. Kellu wkoll frejgatina u seta' jaħdem fejn ma kienx jilħaq b`għadds. Il-ħidma baqgħet kważi l-istess, imma l-mixja lejn iż-Żejtun bil-qartalla bdiet tagħmilha l-ħmara li wkoll issa bdiet tmur lejn Ħal Għaxaq, il-Gudja u Ħal Luqa. Imma l-bejgħ xorta waħda kien baqa' l-istess, erba' rizziet sold, qliegħ miżeru għal dak ix-xogħol kollu. Imma Ċensu qatt ma lmenta u l-għada kien jerġa' jagħmel l-istess xogħol.

Li għadni ma għidtx huwa li Ċensu kien jifhem fit-temp daqs strument metroloġiku tal-lum. Allura meta kien ibassar li l-għada aktarx kien se jagħmel maltemp, kien iħalli lil ibnu Leli jmur ibiegħ ir-rizzi waħdu u huwa kien jitlaq lejn ir-Ramla jew Żonqor, jinżel jgħum u jiġbor ir-rizzi. Wara li jkun lesta kien jgħarraq il-qartalla f`ċertu post biex l-għada kien jerġa' jinżel ir-Ramla u jsibha lesta, għax ma kienx possibbli li jeħodha d-dar u jħalliha lejl u ġurnata hemm, għaliex ir-rizzi kien jidbiel u jikrieh u fil-fatt ma jibqax tajjeb.

Ċensu, issa ilu snin li ħalliena u miegħu spiċċa wkoll il-bejjiegħ tar-rizzi għal dejjem, għaliex fis-snin li Ċensu ilu nieqes, ir-rizzi naqas bil-bosta minn mal-kosta Maltija għal raġunijiet diversi. L-ewwel waħda hija li minflok il-ħġieġa li kienet tintuża fi żmienu ġiet introdotta l-maskra (snorkel), biċċa apparat tal-plastic imdawra ma' ħġieġa li anke tintuża mit-tfal, u t-tieni t-theddida tat-tniġġiż li hawn idawwar il-plajja li kompla qered din il-ħlejqa marittima, li għal bosta snin kienet l-għejxien ta` bosta familji.

**Lino Psaila**


FRAMES AND SQUARES

FOR ALL KINDS OF SOFFITS, GYPSUM, PARTITIONS, CEILING, POSTERS, PRINTS, ETC

FRAME MAKER

Triq l-Isqof Emanuel Galea, Zejtun • Tel: 21 674565 • Mobile: 9947 6714